



**KUNSILL  
TAL-UNJONI EWROPEA**

**Brussell, 13 ta' Novembru 2013  
(OR. en)**

**14607/13  
ADD 1 REV 1**

**PV/CONS 45  
JAI 881  
COMIX 538**

**ABBOZZ TA' MINUTI**

---

Suġġett: **It-3260** laqgħa tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (**ĠUSTIZZJA U  
AFFARIJET INTERNI**) li saret fil-Lussemburgu fis-7 u t-8 ta' Ottubru 2013

---

## PUNTI TA' DELIBERAZZJONI PUBBLIKA<sup>1</sup>

Paġna

### **DELIBERAZZJONIJIET LEĠISLATTIVI**

#### PUNTI "A" (dok. 14106/13)

1. Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar id-dritt ta' aċċess għal avukat fi proċedimenti kriminali u proċedimenti ta' mandat ta' arrest Ewropew, u dwar id-dritt li tiġi infurmata parti terza maċ-ċaħda tal-libertà u għall-komunikazzjoni ma' persuni terzi u mal-awtoritajiet konsolari waqt iċ-ċaħda tal-libertà [L-ewwel qari] (AL)..... 4
2. Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (KE) Nru 562/2006 sabiex jipprevedi regoli komuni dwar l-introduzzjoni mill-ġdid temporanja tal-kontrolli tal-fruntieri fil-fruntieri interni f'ċirkostanzi eċċezzjonali [L-ewwel qari] (AL+D)..... 4
3. Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar theddid transkonfinali serju għas-saħħa u li tħassar id-Deċiżjoni Nru 2119/98/KE [L-ewwel qari] (AL+D)..... 6
4. Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1217/2009 li jistabbilixxi netwerk għall-ġbir ta' informazzjoni tal-kontabilità dwar id-dħul u l-operazzjoni kummerċjali ta' azjendi agrikoli fil-Komunità Ewropea [L-ewwel qari] (AL)..... 7
5. Abbozz tal-baġit emendatorju Nru 7 għall-baġit ġenerali tal-2013 - Rendikont ġenerali tad-dħul - Rendikont tal-infiq skont it-taqsimha - Taqsimha III - Il-Kummissjoni..... 7

#### PUNTI "B" (dok. 14105/13)

3. Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-protezzjoni tal-individwi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali u dwar il-moviment liberu ta' dik id-data (Regolament dwar il-Protezzjoni ta' Data Ġenerali) [L-ewwel qari]..... 8
4. Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-protezzjoni tal-euro u muniti oħra kontra l-iffalsifikar permezz tal-liġi kriminali, u li tissostitwixxi d-Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill 2000/383/ĠAI [L-ewwel qari]..... 8

---

<sup>1</sup> Deliberazzjonijiet dwar l-atti legiſlattivi tal-Unjoni (l-Artikolu 16(8) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea), deliberazzjonijiet oħrajn miftuħin għall-pubbliku u dibattiti pubbliċi (l-Artikolu 8 tar-Regoli ta' Proċedura tal-Kunsill).

5.	-	Proposta għal Regolament tal-Kunsill dwar l-istabbiliment tal-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew (EPPO) [L-ewwel qari] .....	9
	-	Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Kooperazzjoni fil-Ġustizzja Kriminali (Eurojust) [L-ewwel qari]	
6.		Affarijiet oħra .....	9
9.		Affarijiet oħra .....	9

## ATTIVITAJIET MHUX LEĠISLATTIVI

### ADOZZJONIJIET (punti "A": dok. 14107/13)

5.	Regolament tal-Kunsill li jstabilixxi mekkaniżmu ta' evalwazzjoni u monitoraġġ biex jivverifika l-applikazzjoni tal- <i>acquis</i> ta' Schengen u li jħassar id-Deċiżjoni tal-Kumitat Eżekuttiv tas- 16 ta' Settembru 1998 li stabbilixxiet Kumitat Permanenti għall-evalwazzjoni u l-implimentazzjoni ta' Schengen .....	10
----	---	----

\*

\*      \*

## **DELIBERAZZJONIJIET LEĠISLATTIVI**

*(Deliberazzjoni pubblika f'konformità mal-Artikolu 16(8) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea)*

### **PUNTI "A"**

- 1. Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar id-dritt ta' aċċess għal avukat fi proċedimenti kriminali u proċedimenti ta' mandat ta' arrest Ewropew, u dwar id-dritt li tiġi infurmata parti terza maċ-ċaħda tal-libertà u għall-komunikazzjoni ma' persuni terzi u mal-awtoritajiet konsolari waqt iċ-ċaħda tal-libertà [L-ewwel qari] (AL)**  
PE-CONS 40/13 DROIPEN 77 COPEN 94 CODEC 1401

Il-Kunsill approva l-emenda li tinsab fil-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew fl-ewwel qari u adotta l-att propost emendat kif adatt, bl-astensjoni tad-delegazzjoni Belġjana, skont l-Artikolu 294(4) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea. F'konformità mal-Protokolli rilevanti annessi mat-Trattati, id-delegazzjoni Daniża, Irlandiża u dik tar-Renju Unit ma pparteċipawx fil-votazzjoni. (Bażi legali: l-Artikolu 82(2)(b) tat-TFUE).

- 2. Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (KE) Nru 562/2006 sabiex jipprevedi regoli komuni dwar l-introduzzjoni mill-ġdid temporanja tal-kontrolli tal-fruntieri fil-fruntieri interni f'ċirkostanzi eċċezzjonali [L-ewwel qari] (AL+D)**

PE-CONS 30/13 SCHENGEN 16 SCH-EVAL 82 FRONT 61  
COMIX 334 CODEC 1216

Il-Kunsill approva l-emenda li tinsab fil-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew fl-ewwel qari u adotta l-att propost emendat kif adatt, skont l-Artikolu 294(4) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea. F'konformità mal-Protokolli rilevanti annessi mat-Trattati, id-delegazzjoni Daniża, Irlandiża u dik tar-Renju Unit ma pparteċipawx fil-votazzjoni. (Bażi legali: l-Artikoli 77(1) u (2) tat-TFUE).

### **Dikjarazzjoni mill-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni**

"Il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni jilqgħu l-adozzjoni tar-Regolament li jemenda l-Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen sabiex jipprevedi regoli komuni dwar l-introduzzjoni mill-ġdid temporanja tal-kontrolli tal-fruntieri fil-fruntieri interni f'ċirkostanzi eċċezzjonali u tar-Regolament dwar l-istabbiliment ta' mekkaniżmu ta' evalwazzjoni u monitoraġġ biex jivverifika l-applikazzjoni tal-acquis ta' Schengen.

Huma jemmnu li dawn il-mekkaniżmi l-ġodda jindirizzaw b'mod adegwat is-sejħa tal-Kunsill Ewropew fil-Konklużjonijiet tiegħu tal-24 ta' Ġunju 2011 għal titjib fil-kooperazzjoni u l-fiduċja reċiproka bejn l-Istati Membri fiż-żona Schengen u għal sistema ta' monitoraġġ u evalwazzjoni effettiva u affidabbli sabiex jiġi żgurat l-infurzar ta' regoli komuni u t-tiġid, l-adattament u l-estensjoni tal-kriterji bbażati fuq l-acquis tal-UE, filwaqt li jfakkru li l-fruntieri esterni tal-Ewropa għandhom jiġu ġestiti b'mod effettiv u konsistenti, abbażi ta' responsabbiltà komuni, solidarjetà u kooperazzjoni Prattika.

Huma jiddikjaraw li din l-emenda għall-Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen ser issaħħaħ il-koordinazzjoni u l-kooperazzjoni fil-livell tal-Unjoni billi tipprevedi, min-naħa waħda, kriterji għal kwalunkwe introduzzjoni mill-ġdid ta' kontrolli fil-fruntieri mill-Istati Membri, u min-naħa l-oħra mekkaniżmu bbażat fl-UE li jirrispondi għal sitwazzjonijiet verament kritiċi fejn il-funzjonament ġenerali taż-żona titqiegħed fir-riskju jekk ma jkunx hemm kontrolli fil-fruntieri.

Huma jissottolinjaw li din is-sistema l-ġdida ta' evalwazzjoni hija mekkaniżmu bbażat fl-UE u li ser tkopri l-aspetti kollha tal-acquis ta' Schengen u tinvolvi esperti mill-Istati Membri, il-Kummissjoni u aġenziji rilevanti tal-UE.

Huma jifhmu li kwalunkwe proposta futura mill-Kummissjoni biex tiġi emendata din is-sistema ta' evalwazzjoni tiġi ppreżentata għall-konsultazzjoni tal-Parlament Ewropew sabiex jittieħed kont tal-opinjoni tiegħu, bl-aktar mod sħiħ possibbli, qabel l-adozzjoni ta' test finali."

### **Dikjarazzjoni mill-Kummissjoni** **dwar l-Artikolu 33a - proċedura ta' kumitat**

"Il-Kummissjoni tissottolinja li huwa kontra l-kliem u t-tifsira tar-Regolament 182/2011 (ĠU L 55 tat-28.2.2011, p. 13) li jiġi invokat b'mod sistematiku l-Artikolu 5 § 4, subparagrafu 2, il-punt b. Wiehegħ għandu jirrikorri għal din id-dispożizzjoni bħala twegħba għal hteġa speċifika li titbiegħed mir-regola tal-prinċipju li tgħid li l-Kummissjoni tista' tadotta abbozz ta' att ta' implimentazzjoni meta ma tingħata l-ebda opinjoni. Minħabba li huwa eċċezzjoni għar-regola ġenerali stabbilita mill-Artikolu 5 § 4, ir-rikors għas-subparagrafu 2, punt b) ma jistax jitqies sempliċiment bħala "setgħa diskrezzjonarja" tal-Leġislatur, iżda għandu jiġi interpretat b'mod restrittiv u għalhekk għandu jkun ġustifikat."

### **Dikjarazzjoni mir-Repubblika tal-Kroazja**

"Il-Kroazja tappoġġa l-adozzjoni tal-Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (KE) Nru 562/2006 sabiex jipprovi regoli komuni dwar l-introduzzjoni mill-ġdid temporanja tal-kontrolli tal-fruntieri fil-fruntieri interni f'ċirkostanzi eċċezzjonali.

Filwaqt li tirrikonoxxi l-importanza tal-adozzjoni u d-dħul fis-seħħ tar-Regolament kif previst, kif ukoll il-kwalità tal-leġislazzjoni tal-UE, il-Kroazja hija tal-opinjoni li l-verżjoni Kroata tat-test mhix konformi mat-terminoloġija standard użata fir-Repubblika tal-Kroazja, u għalhekk il-Kroazja tixtieq iddaħħal riżerva lingwistika.

Sabiex jiġi evitat ir-riskju ta' applikazzjoni inadegwata tal-leġislazzjoni tal-Unjoni, il-Kroazja tistenna li s-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill jimplementa, malajr kemm jista' jkun, il-proċedura biex tiġi rettifikata l-verżjoni Kroata tar-Regolament."

### **Dikjarazzjoni mill-Greċja**

"Il-Greċja appoġġat mill-bidu l-appell tal-Kunsill Ewropew fil-Konklużjonijiet tiegħu tal-24.6.2011 għal titjib tal-kooperazzjoni u l-fiduċja reċiproka bejn l-Istati Membri fiż-żona Schengen. Hija appoġġat ukoll l-istabbiliment ta' mekkaniżmu ta' monitoraġġ u evalwazzjoni effettiv u affidabbli sabiex tissaħħaħ il-governanza ta' Schengen, filwaqt li jitqies li l-fruntieri esterni tal-Ewropa għandhom jiġu ġestiti b'mod effettiv u konsistenti, abbażi ta' responsabbiltà komuni, solidarjetà u kooperazzjoni Prattika.

Madankollu, il-Greċja tixtieq itteni l-pożizzjoni tagħha, fir-rigward tat-tneħħija tar-referenza għal "*l-għeluq ta' punt speċifiku ta' qsim tal-fruntiera*" fil-premessa (8), l-ex premessa (5a), tal-proposta għal *Regolament li jemenda r-Regolament (KE) Nru 562/2006 sabiex jipprova di regoli komuni dwar l-introduzzjoni mill-ġdid temporanja tal-kontrolli tal-fruntieri fil-fruntieri interni f'ċirkostanzi eċċezzjonali.*

Il-Greċja ssottolinjat b'mod konsistenti li r-rakkomandazzjoni għall-għeluq ta' punt ta' qsim speċifiku tal-fruntiera hija miżura eċċessiva, mhux proporzjonata u ma għandha l-ebda valur miżjud partikolari. Barra minn hekk, għandu jiġi nnotat li f'ħafna każijiet il-punti ta' qsim tal-fruntiera jiġu stabbiliti wara li jkunu saru ftehimiet bilaterali ma' pajjiżi terzi. Dan jista' jkollu implikazzjonijiet negattivi għar-relazzjonijiet tal-Istati Membri ma' pajjiżi terzi.

Barra minn hekk, il-Greċja tixtieq tiġbed l-attenzjoni għal darb'oħra li l-ftuħ u l-għeluq tal-punti ta' qsim tal-fruntieri hija kwistjoni ta' kompetenza tal-Istati Membri, f'konformità mal-Artikolu 77.4 tat-TFUE."

### **3. Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar theddid transkonfinali serju għas-saħħa u li tħassar id-Deċiżjoni Nru 2119/98/KE [L-ewwel qari] (AL+D) PE-CONS 29/13 SAN 179 PHARM 23 PROCIV 67 CODEC 1210**

Il-Kunsill approva l-emenda li tinsab fil-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew fl-ewwel qari u adotta l-att propost emendat kif adatt, skont l-Artikolu 294(4) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea. (Bażi legali: Artikolu 168(5) tat-TFUE).

### **Dikjarazzjoni mill-Kummissjoni**

"Fejn valutazzjoni tar-riskju dwar theddid transkonfinali serju għas-saħħa ma tkunx parti mill-mandati tal-aġenziji tal-Unjoni, il-Kummissjoni timpenja ruħha sabiex tikseb tali valutazzjoni tar-riskju permezz ta' gruppi ta' esperti.

Il-Kummissjoni, bħala prijorità, ser tirrikorri għall-Kumitati Xjentifiċi stabbiliti mid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2008/721/KE tal-5 ta' Awwissu 2008 li twaqqaf Struttura Konsultattiva ta' Kumitati Xjentifiċi u esperti fil-qasam tas-sigurtà tal-konsumatur, is-saħħa pubblika u l-ambjent u li tirrevoka d-Deċiżjoni 2004/210/KE.

Fejn l-għarfien espert speċifiku meħtieġ ma jkunx disponibbli immedjatament fl-istrutturi konsultattivi tal-Kumitati Xjentifiċi u fejn l-urġenza tirrikjedi dan, il-Kummissjoni ser tinforma mingħajr dewmien lill-Istati Membri u l-korpi xjentifiċi rilevanti dwar l-għarfien espert partikolari meħtieġ biex jgħin fl-identifikazzjoni tal-esperti mfittxija minnha. Il-Kummissjoni mbagħad ser taħtar esperti sabiex jikkontribwixxu għall-valutazzjoni tar-riskju meħtieġa.

Il-Kummissjoni ser tassigura l-indipendenza tal-esperti li jkunu qed jipprovdu din il-valutazzjoni, skont ir-regoli interni stabbiliti tagħha."

#### **Dikjarazzjoni mil-Lussemburgu**

"Il-Lussemburgu jiddispijaci li referenzi għall-Kumitati Xjentifiċi tal-Kummissjoni fil-kuntest ta' valutazzjonijiet tar-riskju dwar theddid transkonfinali serju għas-saħħa tneħħew mill-verżjoni ppreżentata lill-Kunsill għall-approvazzjoni.

Mhuwiex biżżejjed li tiġi inkluża dikjarazzjoni li tistabbilixxi l-impenn tal-Kummissjoni biex tuża s-servizzi ta' dawn il-kumitati bħala anness għad-Deċizzjoni meta kien ikun aħjar li r-rwol indiskutibbli u l-għarfien espert tagħhom fit-test tad-Deċizzjoni nnifisha jiġu sanzjonati, kif inhu l-każ għall-aġenziji kompetenti tal-Unjoni Ewropea kkonċernati."

#### **4. Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1217/2009 li jistabbilixxi netwerk għall-ġbir ta' informazzjoni tal-kontabilità dwar id-dħul u l-operazzjoni kummerċjali ta' azjendi agrikoli fil-Komunità Ewropea [L-ewwel qari] (AL)**

PE-CONS 32/13 AGRI 337 AGRIFIN 87 CODEC 1218

Il-Kunsill approva l-emenda li tinsab fil-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew fl-ewwel qari u adotta l-att propost emendat kif adatt, skont l-Artikolu 294(4) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea. (Bażi legali: l-Artikolu 43(2) tat-TFUE).

#### **5. Abbozz tal-baġit emendatorju Nru 7 għall-baġit ġenerali tal-2013 - Rendikont ġenerali tad-dħul - Rendikont tal-infiq skont it-taqsimi - Taqsimi III - Il-Kummissjoni** 14052/13 FIN 566 PE-L 80

Il-Kunsill adotta l-pożizzjoni tiegħu dwar l-abbozz ta' baġit emendatorju Nru 7 għall-baġit ġenerali għall-2013 b'maġġoranza kwalifikata, bid-delegazzjoni tal-Pajjiżi l-Baxxi tivvota kontra u d-delegazzjoni Svediża u dik tar-Renju Unit jastjenu.

#### **Dikjarazzjoni unilaterali mill-Awstrija**

"L-Awstrija qed tiegħu d-deċizzjoni tagħha dwar il-baġit emendatorju Nru 7/2013 mingħajr preġudizzju għall-finanzjament ta' kwalunkwe mobilizzazzjoni tal-Fond ta' Solidarjetà tal-Unjoni Ewropea (EUSF) fil-futur.

F'dan il-kuntest l-Awstrija tissottolinja li d-deċizzjoni għall-pożizzjoni tagħha dwar il-baġit emendatorju Nru 5/2013 ittiegħdet abbażi tal-informazzjoni mill-Kummissjoni Ewropea fid-dokument COM(2013) 258, billi wiegħed jassumi li l-appropriazzjonijiet ta' pagament għall-mobilizzazzjoni tal-EUSF huma ffinanzjati mill-marġini eżistenti taħt il-limitu massimu ta' pagamenti tal-qafas finanzjarju pluriennali."

\*\*\*\*\*

## PUNTI "B"

### **3. Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-protezzjoni tal-individwi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali u dwar il-moviment liberu ta' dik id-data (Regolament dwar il-Protezzjoni ta' Data Ġenerali) [L-ewwel Qari]**

– Dibattitu ta' orjentazzjoni

14260/13 DATAPROTECT 138 JAI 848 MI 819 DRS 179 DAPIX 121  
FREMP 140 COMIX 526 CODEC 2165

Wara skambju ta' fehmiet iddettaljat, il-President ikkonkluda dan li ġej:

- (1) Il-Kunsill esprima l-appoġġ tiegħu għall-prinċipju li f'każijiet transnazzjonali importanti l-abbozz ta' Regolament għandu jstabbilixxi mekkaniżmu ta' punt uniku ta' servizz sabiex tittieħed deċiżjoni superviżorja unika, li għandha tkun rapida, tiżgura applikazzjoni konsistenti, tipprovdi ċertezza legali u tnaqqas il-piż amministrattiv. Dan huwa fattur importanti biex tittiejeb il-kost-effiċjenza tar-regoli dwar il-protezzjoni tad-data għan-negozju internazzjonali, u b'hekk jikkontribwixxi għat-tkabbir tal-ekonomija diġitali.
- (2) Ħidma esperta ulterjuri dwar dan ser titkompla fuq mudell li fih deċiżjoni superviżorja unika tittieħed mill-awtorità superviżorja tas-'sede prinċipali', filwaqt li l-ġurisdizzjoni esklużiva ta' dik l-awtorità tkun limitata għall-eżerċizzju ta' ċerti setgħat.
- (3) Il-Grupp ta' Ħidma kompetenti ser jeżamina liema huma s-setgħat preċiżi li għandhom jiġu eżerċitati mill-awtorità superviżorja tas-'sede prinċipali' u l-metodi għat-titjib tal-'grubija' bejn l-individwi u l-awtorità superviżorja li tiegħu d-deċiżjonijiet permezz tal-involviment tal-awtoritajiet superviżorji 'lokali' fil-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet. Din il-prossimità hija aspett importanti tal-protezzjoni tad-drittijiet individwali.
- (4) Bħala element ieħor importanti ta' dan il-mudell għaż-żieda fil-konsistenza tal-applikazzjoni tar-regoli tal-protezzjoni tad-data tal-UE, il-Grupp ta' Ħidma ser ikompli jeżamina liema rwol u setgħat jistgħu jiġu fdati lill-Bord Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data (EDPB) bħala mekkaniżmu ta' appell.

Il-President kompla jiċċara li l-ħidma futura tal-Kunsill fuq dawn il-linji tista' tinkludi xi elementi tal-hekk imsejjaħ mudell ta' kodeċiżjoni.

### **4. Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-protezzjoni tal-euro u muniti oħra kontra l-iffalsifikar permezz tal-liġi kriminali, u li tissostitwixxi d-Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill 2000/383/ĠAI[L-ewwel qari]**

– Approċċ ġenerali

14085/1/13 REV 1 DROIPEN 114 JAI 831 ECOFIN 831 UEM 320 GAF 44  
CODEC 2131

Il-Kunsill laħaq approċċ ġenerali, wara skambju qasir ħafna ta' fehmiet dwar it-test tal-proposta kif jinsab fl-Anness għad-dokument 14085/1/13 REV 1. Dan l-approċċ ġenerali ser jikkostitwixxi l-bażi għan-negozjati futuri mal-Parlament Ewropew fil-kuntest tal-proċedura legiſlattiva ordinarja (Artikolu 294, TFUE).

5. – **Proposta għal Regolament tal-Kunsill dwar l-istabbiliment tal-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew (EPPO)[L-ewwel qari]**  
12558/13 EPPO 3 EUROJUST 58 CATS 35 FIN 467 COPEN 108  
+ COR 1 (hr)
- **Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Kooperazzjoni fil-Ġustizzja Kriminali (Eurojust) [L-ewwel qari]**  
12566/13 EUROJUST 59 EPPO 4 CATS 36 COPEN 109 CODEC 2163  
+ COR 1
- = Preżentazzjoni mill-Kummissjoni u dibattitu ta' orjentazzjoni

#### Il-Kunsill

- laqa' ż-żewġ proposti;
- innota li għadd ta' kwistjonijiet fiż-żewġ fajls jeħtieġ li jiġu żviluppati aktar u/jew iċċarati, u li l-ħidma ser tkompli fil-livell tekniku f'dan is-sens;
- innota li l-interess biex tiġi żgurata l-parteċipazzjoni ta' kemm jista' jkun Stati Membri fl-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew għandu jiggwida l-ħidma li jmiss.

#### 6. **Affarijiet oħra**

- Informazzjoni mill-Presidenza dwar proposti legiſlattivi attwali

Il-Kunsill ħa nota tas-sitwazzjoni attwali tan-negozjati taż-żewġ programmi tal-QFP Ġustizzja u mnota li l-qbil jista' jintlaħaq. Il-Presidenza ser tagħmel dak kollu li tista' sabiex tiżgura s-separazzjoni ċara bejn il-programm QFP Affarijiet Interni u l-programm QFP Ġustizzja fin-negozjati u ser tipproċedi fuq dik il-bażi.

Il-Kunsill ħa nota tas-sitwazzjoni attwali tan-negozjati dwar l-Ordni ta' Investigazzjoni Ewropea.

Il-Kunsill innota li n-negozjati kienu għadhom għaddejnin dwar id-Direttiva dwar l-iffriżar u l-konfiska tar-rikavati mill-kriminalità bil-għan li jintlaħaq qbil fl-ewwel qari sal-aħħar tas-sena

#### 9. **Affarijiet oħra**

- Informazzjoni mill-Presidenza dwar proposti legiſlattivi attwali

Il-Kunsill qabel li jipposponi l-eżami ta' din il-kwistjoni.

**ATTIVITAJIET MHUX LEĠISLATTIVI - ADOZZJONIJIET**  
***(f'konformità mal-Artikolu 9(1) tar-Regoli ta' Proċedura tal-Kunsill)***

5. **Regolament tal-Kunsill li jistabbilixxi mekkaniżmu ta' evalwazzjoni u monitoraġġ biex jivverifika l-applikazzjoni tal-acquis ta' Schengen u li jħassar id-Deċiżjoni tal-Kumitat Eżekuttiv tas-16 ta' Settembru 1998 li stabbilixxiet Kumitat Permanenti għall-evalwazzjoni u l-implimentazzjoni ta' Schengen**

10597/13 JAI 467 SCHENGEN 21 SCH-EVAL 87 FRONT 70 COMIX 356

Il-Kunsill adotta r-Regolament ta' hawn fuq (Bażi legali: l-Artikolu 70 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea).

**Dikjarazzjoni mill-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni**

"Il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni jilqgħu l-adozzjoni tar-Regolament li jemenda l-Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen sabiex jipprevedi regoli komuni dwar l-introduzzjoni mill-ġdid temporanja tal-kontrolli tal-fruntieri fil-fruntieri interni f'ċirkostanzi eċċezzjonali u tar-Regolament dwar l-istabbiliment ta' mekkaniżmu ta' evalwazzjoni u monitoraġġ biex jivverifika l-applikazzjoni tal-acquis ta' Schengen. Huma jemmnu li dawn il-mekkaniżmi l-ġodda jindirizzaw b'mod adegwat l-appell tal-Kunsill Ewropew fil-Konklużjonijiet tiegħu tal-24 ta' Ġunju 2011 għal titjib fil-kooperazzjoni u l-fiduċja reċiproka bejn l-Istati Membri fiż-żona Schengen u għal sistema ta' monitoraġġ u evalwazzjoni effettiva u affidabbli sabiex jiġi żgurat l-infurzar ta' regoli komuni u t-tiżi, l-adattament u l-estensjoni tal-kriterji bbażati fuq l-acquis tal-UE, filwaqt li jfakkru li l-fruntieri esterni tal-Ewropa għandhom jiġu ġestiti b'mod effettiv u konsistenti, abbażi ta' responsabbiltà komuni, solidarjetà u kooperazzjoni Prattika.

Huma jiddikjaraw li din l-emenda għall-Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen ser issaħħaħ il-koordinazzjoni u l-kooperazzjoni fil-livell tal-Unjoni billi tipprevedi, min-naħa waħda, kriterji għal kwalunkwe introduzzjoni mill-ġdid ta' kontrolli fil-fruntieri mill-Istati Membri, u min-naħa l-oħra mekkaniżmu bbażat fl-UE li jirrispondi għal sitwazzjonijiet verament kritiċi fejn il-funzjonament ġenerali taż-żona titqiegħed fir-riskju jekk ma jkunx hemm kontrolli fil-fruntieri.

Huma jissottolinjaw li din is-sistema l-ġdida ta' evalwazzjoni hija mekkaniżmu bbażat fl-UE u li ser tkopri l-aspetti kollha tal-acquis ta' Schengen u tinvolvi esperti mill-Istati Membri, il-Kummissjoni u aġenziji rilevanti tal-UE.

Huma jifhmu li kwalunkwe proposta futura mill-Kummissjoni biex tiġi emendata din is-sistema ta' evalwazzjoni tiġi ppreżentata għall-konsultazzjoni tal-Parlament Ewropew sabiex jittieħed kont tal-opinjoni tagħha, bl-aktar mod sħiħ possibbli, qabel l-adozzjoni ta' test finali."

### **Dikjarazzjoni mill-Kummissjoni** **dwar l-Artikolu 21 - proċedura ta' kumitat**

"Il-Kummissjoni tissottolinja li huwa kontra l-kliem u t-tifsira tar-Regolament (UE) Nru 182/2011 (ĠU L 55, 28.2.2011, p. 13) li jiġi invokat b'mod sistematiku l-punt b) tat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 5(4). Wieħed għandu jirrikorri għal din id-dispożizzjoni bħala tweġiba għal hteġa speċifika li titbiegħed mir-regola tal-prinċipju li tgħid li l-Kummissjoni tista' tadotta abbozz ta' att ta' implimentazzjoni meta ma tingħata l-ebda opinjoni. Minħabba li din hija eċċezzjoni għar-regola ġenerali stabbilita mill-Artikolu 5(4), ir-rikors għall-punt b) tat-tieni subparagrafu ma jistax jitqies sempliċement bħala "setgħa diskrezzjonali" tal-Leġislatur, iżda għandu jiġi interpretat b'mod restrittiv u b'hekk għandu jkun ġustifikat."

### **Dikjarazzjoni mill-Ġermanja**

"Ir-Regolament (KE) Nru 562/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Marzu 2006 li jistabbilixxi Kodiċi Komunitarju dwar ir-regoli li jirregolaw il-moviment ta' persuni minn naħa għal oħra tal-fruntiera (Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen) huwa bbażat b'mod partikolari fuq l-Artikolu 62(1) u (2)(a) tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, li issa ġie ssostitwit bl-Artikolu 77 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea. Skont dawk id-dispożizzjonijiet, l-Unjoni għandha tiżviluppa politika bil-għan li, inter alia, tiżgura n-nuqqas ta' kwalunkwe kontroll fuq persuni, tkun xi tkun in-nazzjonalità tagħhom, meta jaqsmu l-fruntieri interni.

L-Artikolu 72 tat-TFUE jagħmilha ċara li t-Titolu V tat-TFUE, li għalih jappartjeni l-Artikolu 77, ma jaffettwax l-eżerċizzju tar-responsabbiltajiet li jaqgħu fuq l-Istati Membri fir-rigward taż-żamma tal-ordni pubbliku u s-salvagwardja tas-sigurtà interna. B'hekk filwaqt li s-setgħat legiſlattivi tal-Unjoni Ewropea jestendu għar-regolamentazzjoni tal-qsim tal-fruntieri interni, dawn ma jiġġebdux għall-eżerċizzju tas-setgħat tal-pulizija biex iżżomm il-liġi u l-ordni u tissalvagwardja s-sigurtà interna.

Ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja għalhekk tistenna li l-mekkaniżmu ta' evalwazzjoni jittratta biss jekk jeżistix verament nuqqas ta' kwalunkwe kontroll meta jinqas l-fruntieri interni u mhux l-eżerċizzju tas-setgħat tal-pulizija fit-territorju. L-eżerċizzju tas-setgħat tal-pulizija fit-territorju jaqa' esklużivament fl-ambitu tas-sovranità nazzjonali u mhux kopert mill-mekkaniżmu ta' evalwazzjoni."

### **Dikjarazzjoni mir-Renju Unit**

"Ir-Renju Unit appoġġa b'mod konsistenti din il-miżura iżda f'dan l-istadju ma jistax jappoġġa l-adozzjoni tagħha peress li għadha taħt skrutinju fil-Parlament nazzjonali tagħna, fejn ser tiġi diskussa f'Novembru."